## PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-3 TA' MEJJU, 2024**

**Kawża Numru: 9**

**Rik. Ġur. 586/2022 RGM**

**Kasco Limited**
**Kasco Recycling**
**Its Good Limited**
**Kasco Enginerreing COmpany**
**Berner Malta Limited**
**3City Designs Limited**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**
**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Lulju 2022 l-atturi fissru kif fil-21 ta' Settembru 2020, il-konvenuti jew min minnhom fetaħ ir-reġistru tal-Qorti Kriminali b'urġenza u talab lill-Qorti tawtorizza l-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni u sekwestru kontra diversi persuni fosthom is-soċjetajiet atturi u dan ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 373. Fl-istess ġurnata l-Qorti Kriminali laqgħet it-talba. Ġara però li bl-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru, l-operat tas-soċjetajiet atturi ġie pparaliżżat kompletament u la setgħu iħallsu

pagi, u lanqas setgħu iħallsu kumpaniji li jfornihom servizzi u prodotti. Fl-24 ta' Settembru 2020 uħud mis-soċjetajiet atturi ppreżentaw rikors fil-Qorti Kriminali jitolbu l-ħatra ta' amministratur jew amministraturi sabiex taħt l-awtorità tal-imsemmija jamministraw l-operat tal-kumpaniji milquta. Fissru li fil-25 ta' Settembru 2020 l-Avukat Ġenerali oġġezzjoni għal din it-talba u l-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba.

2. Sussegwentement fit-2 t'Ottubru 2020 is-soċjetajiet atturi ppreżentaw azzjoni kostituzzjonali fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbu lill-Qorti tiddikjara illi kienu ġew leżi d-drittijiet tagħhom taħt (a) l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (b) l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; (ċ) L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni. Fl-istess ġurnata s-soċjetajiet atturi ppreżentaw rikors għal ħruġ ta' miżura proviżorja fejn talbu li jinħatar amministratur sabiex jamministra t-tkomplija tan-negozju tagħhom.

3. B'digriet tal-14 t'Ottubru 20201 il-Qorti ddeċidiet li bħala miżura proviżorja għandu jinħatar amministratur/i taħt l-awtorità tal-Qorti u taħt is-sorveljanza tal-Avukat Ġenerali. Fit-30 t'Ottubru 2020 l-intimati intavolaw appell mid-digriet tal-Ewwel Qorti. Fis-16 ta' Novembru 2020 il-Qorti Kostituzzjonali varjat id-digriet billi qieset illi għandha tkun il-Qorti Kriminali li tagħżel l-amministratur wara li tisma' l-partijiet. Fit-23 t'April 2021 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati f'dik il-kawża u laqgħet uħud mit-talbiet u llikwidat id-danni morali fis-somma ta' €300 għal kull wieħed u waħda minnhom u ordnat il-ħlas tal-istess. Fit-13 ta' Mejju 2021 dik id-deċiżjoni ġiet appellata mill-intimati f'dik il-kawża u fis-27 t'Ottubru 2021 il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell.

4. L-atturi jfissru li bl-azzjonijiet tagħhom l-intimati jew min minnhom ikkaġunawlhom danni konsiderevoli billi wassluhom fix-xifer tal-falliment b'dan illi kien biss bl-intervent tal-Qorti bil-ħatra ta' amministratur li huma ġew salvati. Fissru li l-intimati jew min minnhom għandhom iwieġbu għad-danni pekunjarji li huma kkaġunaw lill-atturi. Nonostante li l-intimati ġew interprellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas, l-istess baqgħu inadempjenti u kien għalhekk li resqu din l-azzjoni fejn qegħdin jitolbu lil din il-Qorti:

> "1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkaġunaw danni konsiderevoli lill-esponenti;
>
> 2. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għall-ħlas tad-danni kkaġunati minnhom jew min minnhom lill-esponenti;

3. Tillikwida bl-opra ta' perit nominandi somma rappreżentanti d-danni sofferti mill-esponenti;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attur s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' ittra uffiċċjali bin-numru 4986/2021 u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."

5. B'risposta ġuramentata ppreżentata fit-23 ta' Settembru 2022 il-konvenuti eċċepew in linea preliminari li għar-raġunijiet hemm mogħtija, l-Avukat tal-Istat mhux leġittimu kontradittur, lanqas m'huwa leġittimu kontradittur l-Avukat Ġenerali. In linea preliminari wkoll eċċepew li l-azzjoni odjerna hija improponibbli stante l-ostaklu tar-*res judicata* u hija wkoll improponibbli għaliex din il-kawża hija ppernjata fuq il-fatt li s-soċjetajiet atturi allegatament inkorrew danni talli nħarġu ordnijiet leġittimi minn qorti kompetenti.

6. Waqt l-ewwel seduta l-Qorti ddekretat illi f'dan l-istadju ser jiġu trattati u deċiżi l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari.

7. Rat li ġew allegati l-atti kollha tal-kawża numru 218/2020 deċiża fit-23 t'April 2021 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet *Keith Schembri et vs. Avukat tal-Istat et,* kif ukoll l-atti tal-appell deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 t'Ottubru 2021 inkluż il-proċeduri referibbli għall-miżuri proviżorji.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

9. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat;

**Fatti kif jirriżultaw mill-atti**

10. Fil-21 ta' Settembru 2020 l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti Kriminali tagħmel Ordni ta' Investigazzjoni u Ordni ta' Sekwestru skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 373 (Att kontra *Money Laundering*) fil-konfront tas-soċjetajiet atturi u diversi oħrajn.

11. B'digriet mogħti fl-istess jum il-Qorti Kriminali laqgħet it-talba u ordnat is-sekwestru tal-assi mobbli u immobbli inkluż flejjes u kontijiet tal-persuni suspettati inkluż tas-soċjetajiet atturi.

12. Fl-24 ta' Settembru 2020 uħud mis-soċjetajiet atturi talbu lill-Qorti Kriminali taħtar amministratur jew amministraturi sabiex taħt l-awtorità tagħha jamministraw, taħt is-sorveljanza tal-Qorti, l-operat tal-kumpaniji milquta. Wara li l-Avukat Ġenerali oġġezzjoni għall-imsemmija talba, fil-25 ta' Settembru 2020 il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba sabiex jiġi appuntat amministratur.

13. Fit-2 t'Ottubru 2020, l-atturi flimkien m'oħrajn intavolaw proċeduri kostituzzjonali kontra l-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)[1] sabiex:

> "1. Tiddikjara illi l-Artikolu 4 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni effettwati biex jitolbu lill-Qorti ta' setgħa ordinarja tissindika jew tvarja ordni maħruġa taħt dan l-Artikolu;
>
> 2. Tiddikjara illi konsegwentement r-rikorrenti sofrew leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 3. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew ukoll leżjoni tad-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 4. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew ukoll leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni insindikabbli ta' sekwestru u investigazzjoni qed jinfliġġi fuqhom piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huma ħatja li kkomettew reat;
>
> 5. Tannulla, tirrevoka jew tvarja l-ordni ta' sekwestru u investigazzjoni mertu ta' dina l-kawża;
>
> 6. Tieħu dawk il-provvedimenti li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."

---

[1] Keith Schembri et vs. L-Avukat tal-Istat et (Rik Kost 218/2020).

14. Is-soċjetajiet atturi flimkien ma' soċjetajiet oħra, resqu fl-atti tal-kawża kostituzzjonal talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja għall-ħatra ta' amministratur jew amministraturi bil-għan li jamministra jew jamministraw l-operat tagħhom, sabiex b'hekk huma jkomplu joperaw taħt is-sorveljanza tal-Qorti.

15. B'digriet tal-14 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) ikkonstatat li t-talba għall-ħatra ta' amministratur kienet waħda xierqa u għalhekk għaddiet sabiex tordna l-ħruġ ta' miżura provviżorja permezz tal-ħatra ta' amministratur jew amministraturi, ħalli jamministra jew jamministraw l-operat ta' dawk is-soċjetajiet rikorrenti. Inngħad hekk f'dak id-digriet:

> "Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija tiddeċiedi illi bħala miżura proviżorja għandu jinħatar amministratur jew amministraturi taħt l-awtorità ta' din il-Qorti u taħt is-sorveljanza tal-Avukat Ġenerali, sabiex jamministra jew jamministraw l-operat tas-soċjetajiet rikorrenti b'tali mod li dawn ma jsofrux preġudizzju irrimedjabbli u jiġi evitat il-falliment tagħhom.
>
> Il-partijiet qegħdin jingħataw jumejn żmien mil-lum sabiex permezz ta' nota konġunta jindikaw għal konsiderazzjoni tal-Qorti min jista' jkun jew ikunu l-persuna jew persuni li jaqblu dwaru jew dwarhom il-partijiet, li jista' jingħata jew jingħataw dan l-inkarigu, u bit-*terms of reference* maqbula mill-partijiet."

16. Fit-30 ta' Ottubru 2021, l-intimati fil-kawża kostituzzjonali appellaw mill-provvediment tal-14 t'Ottubru 2020. B'sentenza tas-16 ta' Novembru 2020, il-Qorti Kostituzzjonali, għar-raġunijiet hemm mogħtija, iddeċidiet kif ġej:

> "tilqa' biss parzjalment l-appell tal-appellanti u tvarja d-deċiżjoni tal-Qorti tal-ewwel grad tal-14 ta' Ottubru 2020 fis-sens li l-amministratur għandu jintagħżel mill-Qorti Kriminali wara li tisma' lill-partijiet. Spejjeż tal-amministratur ikunu għall-kumpaniji appellati, bla preġudizzju għal kwalsiasi dritt li jista' għandhom fil-futur. Inoltre, l-amministratur għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt id-direzzjoni u l-awtorita` tal-Qorti Kriminali diment li jibqgħu fis-seħħ l-ordnijiet ta' investigazzjoni u sekwestru tal-21 u 22 ta' Settembru 2020. Tiċħad il-kumplament tal-appell tal-appellanti u tikkonferma il-kumplament tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti."

17. B'sentenza tat-23 t'April 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) iddeċidiet il-kawża billi:

> "1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni affettwati biex jitolbu lill-qorti ta' setgħa ordinarja tissindika jew tvarja ordni maħruġa taħt dan l-artikolu;

3. Tiċħad it-tieni u r-raba' talba tar-rikorrenti;

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tiddikjara li huma sofrew leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Tiċħad il-ħames talba tar-rikorrenti;

6. Tillikwida d-danni morali sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' tliet mitt Euro (€300) għal kull wieħed jew waħda minnhom u tordna li dawn id-danni morali għandhom jitħallsu mill-intimati solidalment bejniethom lil kull wieħed jew waħda mir-rikorrenti.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu inkwantu għal kwart (1/4) mir-rikorrenti u inkwantu għar-rimanenti tliet kwarti (3/4) mill-intimati.

Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

18. L-intimati fil-kawża kostituzzjonali ħassewhom aggravati minn parti mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) u għalhekk fit-13 ta' Mejju 2021 intavolaw rikors t'appell jitolbu lill-Qorti Kostituzzjonali tikkonferma s-sentenza fejn ma sabet ebda leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq kif ukoll ma sabet ebda leżjoni tal-Artikolu 7 ta' Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u tħassarha fejn sabet ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u tħassarha wkoll fejn ġie likwidat u ordnat il-ħlas tas-somma ta' €300 bħala danni morali.

19. B'sentenza tas-27 t'Ottubru 2021, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

20. Fil-5 ta' Lulju 2022 is-soċjetajiet atturi intavolaw il-kawża odjerna.

Ikkunsidrat

21. Hekk meqjusa l-fatti rilevanti, ngħaddu sabiex nikkunsidraw l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

22. L-**eċċezzjonijiet preliminari** tal-konvenuti jaqraw kif isegwi:

> "1. Illi preliminarjament, l-Avukat tal-Istat mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri għal żewġ raġunijiet – i) huwa ma kellu l-ebda involviment jew irwol fil-passi li ttieħdu fil-konfront tal-kumpaniji attriċi; u ii) ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12, il-Gvern għandu jkun rappreżentat mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni. Ġaladarba, kif ser jingħad f'din ir-risposta, l-ordnijiet li l-kumpaniji rikorrenti qed jilmentaw dwarhom ġew maħruġa mill-Qorti u l-Avukat tal-Istat m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati f'kawżi ċivili, għalhekk l-Avukat tal-Istat għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> 2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, lanqas l-Avukat Ġenerali ma huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri peress li tali digrieti li permezz tagħhom jinħarġu l-ordnijiet ta' sekwestru u ta' investigazzjoni, jinħarġu mill-Qrati u l-Avukat Ġenerali m'għandhux ir-rappreżentanza tal-Qrati skont il-liġi. Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali għandu wkoll jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> 3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, l-azzjoni odjerna hija mproponibbli stante l-ostaklu tar-*res judicata* fis-sens illi dawn il-kumpaniji rikorrenti kienu ntavolaw azzjoni kostituzzjonali fuq il-kwistjoni tal-ordni ta' sekwestru u ngħataw rimedju (ara Dok D anness mar-rikors ġuramentat). Ġaladarba ngħataw rimedju ma jistgħux fuq l-istess ordni ta' sekwestru jiftħu kawża ordinarja sabiex jingħataw rimedju ieħor;
>
> 4. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, l-azzjoni odjerna hija mproponibbli wkoll għaliex din il-kawża hija ppernjata fuq il-fatt li l-kumpaniji rikorrenti allegatament inkorrew danni talli nħarġu ordnijiet leġittimi minn qorti kompetenti. Dan m'għandux ikun aċċettat u kawża ta' din ix-xorta għandha tiġi nwaqqfa *ab initio*".

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni li l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali mhumiex leġittimi kontraditturi**

23. Bl-ewwel u t-tieni eċċezzjoni l-konvenuti jinsistu li ħadd minnhom m'għandu r-rappreżentanza tal-Qorti li ħarġet l-ordni ta' sekwesttru u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva.

24. Il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi l-kariga tal-Avukat tal-Istat ġiet imwaqqfa bis-saħħa tal-**Att XXV tal-2019 (Att dwar l-Avukat tal-Istat - Kapitolu 603 tal-Liġijiet ta' Malta)** li wkoll żied **Artikolu 91A** fil-**Kosititutzzjoni ta' Malta** kif ukoll emenda **Artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili** li jirregola ir-**"Rappreżentanza Ġudizzjarja tal-Gvern".**

25. **Artikolu 91A (3) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi illi:

> "(3) L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali. Huwa għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat. L-Avukat tal-Istat għandu jwettaq ukoll dawk id-dmirijiet u funzjonijiet oħra li jistgħu jingħatawlu minn din il-Kostituzzjoni jew minn xi liġi. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra."

26. Filwaqt li **Artikolu 2 tal-Kapitolu 603 (Att dwar l-Avukat tal-Istat)** jamplifika dwar x'inhuma r-responsabbiltajiet Avukat tal-Istat:

> "(1) L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-Konsulent Legali Prinċipali tal-Gvern u għandu jkollu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern fl-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji fejn il-liġi ma tipprovdix li dik ir-rappreżentanza għandha tkun tvesti f'xi persuna jew awtorità oħra.
>
> (2) Fl-għoti ta' parir legali l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat.
>
> (3) Meta taħt xi liġi l-Avukat tal-Istat ikun marbut li jaġixxi jew jeżerċita xi setgħa skont il-ġudizzju individwali tiegħu, huwa ma jkunx soġġett għal ebda ordni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra.
>
> […]."

27. Iż-żewġ u l-uniċi konvenuti f'din il-kawża qed isostnu li ħadd minnhom ma kellu jiġi mħarrek. Opportun għalhekk li nesploraw il-prinċipji legali u ġurisprudenzjali refereibbli għall-leġittimazzjoni passiva fi proċeduri ġudizzjarji taħt l-ordinament ġuridiku nostran.

28. Sabiex jiġi stabbilit jekk konvenut hux leġittimu kontradittur jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti tqis ix-xorta tal-azzjoni imressqa quddiemha. Eżerċizzju li jinneċessita l-aċċertament, fuq il-bażi tal-*petitum,* tar-riżultat li min istitwixxa l-azzjoni qed ifittex bl-azzjoni minnu/ha promossa. (**Av. Antoine Naudi noe. v. John Abela Ltd.** – Appell Inferjuri – 2 ta' Ottubru, 2009; **Shahzad Gill v. Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel Malta** – Appell Superjuri – 29 ta' Frar, 2024). Fil-verita' dan ma hux eżerċizzju meħtieġ biss meta qorti hija rinfaċċjata b'eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva imma huwa eżerċizzju li l-qorti għandha tagħmel qabel tisma' u tiddeċiedi kull kawża li jkollha quddiemha billi l-ewwel u qabel kollox tevalwa n-natura vera u l-indoli tal-azzjoni ppreżentata (**Fairbet Ltd et. v. Malta Gaming Authority -** Qorti ta-Appell - 4 ta' Mejju, 2022). Ix-xorta u n-natura tal-azzjoni attriċi għandha neċessarjament tinstilet mill-att promotur. Kjarifika fil-mori ma tista' qatt tbiddel l-azzjoni kif imressqa fl-att promotur. (ara **Raymond Bezzina v. Anthony Galea** – Appell Superjuri - 30 ta' Marzu, 1998; **Vincent Ciappara et. v. Nazzareno sive Reno Bartolo et.** – Appell Superjuri – 15 ta Novembru, 2023).

29. Sabiex jiġi deċiż, qabel ma l-Qorti tisma' l-provi fil-mertu, jekk parti mħakkra f'kawża hijiex jew le l-leġittimu kontradittur jeħtieġ li l-Qorti tistħarreġ jekk ***prima facie*** hemmx relazzjoni ġuridika bejniethom skont il-premessi fl-att promotur tal-attur, sa dak l-istadju mhux ippruvati. Deċiżżjoni li tiċħad eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimita' passiva ta' konvenut ma għandiex titqies ġudizzju, dirett jew indirett, dwar il-fondatezza o meno tal-mertu tal-pretensjoni attriċi. B'tali deċiżżjoni il-mertu jibqa' totalment impreġudikat. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas

ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużżjoni li l-konvenut – dikjarat *prima facie* legittimu kontradittur – kien, wara t-trattazzjoni tal-kawza, jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata. (**Frankie Refalo et. v. Jason Azzopardi et.** - Appell Superjuri - 5 ta' Ottubru, 2001).

Ikkunsidrat;

30. Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-kunsiderazzjoni tal-eċċezzjoni dwar il-leġittimita' passiva, din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-premessi u għat-talbiet attriċi minn fejn jirriżulta illi l-azzjoni attriċi hija azzjoni kontra l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali sabiex fl-ewwel lok jiġi dikjarat illi bil-ħruġ tal-ordni ta' sekwestru ġew kaġunati danni lill-atturi, fit-tieni lok jiġi dikjarat illi l-konvenuti huma responsabbli jħallsu d-danni hekk kaġunati; u sabiex il-Qorti tillikwida dawn id-danni u tordna l-ħlas tagħhom; liema danni l-atturi jallegaw li sofrewhom b'konsegwenza tal-ħruġ ta' miżuri provviżorji mill-Qorti ta' kompetenza penali ai termini tal-**Artikolu 4 tal-Kapitolu 373 (Att Kontra *Money Laundering*),** liema artikolu kien u għadu jagħti s-setgħa lill-Avukat Ġenerali jitlob lill-Qorti Kriminali li toħroġ **ordni ta' investigazzjoni** kif ukoll **ordni ta' sekwestru**.

31. Proċeduri ġudizzjarji ta' natura penali jaqgħu fir-responsabbiltajiet statutorji tal-Avukat Ġenerali u dan anke kif jirriżulta mill-**Artikolu 91 tal-Kostituzzjoni** u l-**Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali)**. L-azzjoni attriċi qed tattakka l-operat tal-konvenuti jew minn minnhom, operat li seħħ fl-ambitu ta' investigazzjoni dwar allegat ħasil ta' flus inkluż il-ħruġ ta' miżuri provviżorji mitluba u maħruġa bis-saħħa tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 373.

32. **Artikolu 4 (1) u (6) tal-Kap. 373** jirreferi għall-Avukat Ġenerali iżda mhux għall-Avukat tal-Istat:

"(1) Meta wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni biżżejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata") huwa ħati tar-reat imsemmi fl-artikolu 3, huwa jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta'investigazzjoni") biex persuna (inkluż korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk persuna ġuridika jew le) imsemmija fl-ordni li tidher li għandha fil-pussess tagħha materjal partikolari jew material ta' deskrizzjoni partikolari li x'aktarx li jkun ta' siwi sostanzjali (kemm jekk waħdu jew flimkien ma' materjal ieħor) għall-investigazzjoni ta' jew in konnessjoni ma', il-persuna suspettata, turi jew tagħti aċċess għal dak il-materjal lill-persuna jew persuni indikati fl-ordni; u l-persuna jew persuni hekk indikati jkollhom, bis-saħħa tal-ordni ta' investigazzjoni, is-setgħa li jidħlu f'kull dar, bini jew reċint ieħor sabiex jagħmlu tfittxija għal dak il-materjal.

[...]

6) Flimkien ma', jew separatament minn, talba għal ordni ta' investigazzjoni, l-Avukat Ġenerali jista', fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (1), jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' sekwestru") [...]".

33. Kien l-Avukat Ġenerali li bil-poter li tagħtiha il-liġi ħadet deċiżjoni u resqet it-talba għall-ħruġ t'ordni ta' investigazzjoni u sekwestru. Dan huwa evidenti mis-sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija fid-9 t'Ottubru 2020 fl-atti tal-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru fl-ismijiet **L-Avukat Ġenerali vs. Keith Schembri et** minn fejn irriżulta li fit-8 t'Ottubru 2020 b'nota,

"L-Avukat Ġenerali informat lil din il-Qorti li:
(a) ai termini tal-artikolu 4 (11) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta kienet ħadet id-deċiżjoni li l-Ordni tas-sekwestru maħruġ minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima nhar il-21 ta' Settembru 2020fl-ismijiet ***L-Avukat Ġenerali vs. Keith Schembri et*** jiġi revokat limitatament fil-konfront ta' Kasco Recycling Limited, 3City Designs Limited, Berner Malta Limited; Kasco Engineering Limited; Kasco Trading Limited u Kasco Limited, bil-għand li jitħallsu l-pagi fl-ammonti u l-kontijiet bankarji indikati mad-dokument li ġie anness ma dik in-nota u li kien jirrappreżenta l-informazzjoni mogħtija mir-rikorrenti fin-nota tagħhom tas-7 t'Ottubru 2020, filwaqt li l-istess Avukat Ġenerali ordnat li l-ordni tas-sekwestru kellu jibqa' fis-seħħ fl-intier tiegħu fil-konfront tal-bqija tal-proprjetà tal-imsemmija kumpanija u l-kumplament tas-suspettati imsemmija fl-istess ordni ta' sekwestru"

34. Huwa minnu li Artikolu 7 tal-Kapitolu 603 jippermetti li l-Avukat tal-Istat jagħmel "kwalunkwe att [li] jista' jsir mill-Avukat Ġenerali" bl-awtorizzazzjoni tal-istess, iżda din hija kwalifikata bl-eċċezzjoni li dan ma japplikax għal-"liġi ta' natura kriminali". M'hemmx dubju li proċeduri ġudizzjarji dwar akkużi ta' ħasil ta' flus huma intrinsikament ta' natura penali u għalhekk m'humiex azzjonijiet li jaqgħu fil-mansjonijiet tal-Avukat tal-Istat.

35. Skont **Artikolu 181B (2) tal-Kap. 12** l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta l-Gvern meta n-natura tat-talba ma tkunx tista' tiġi diretta kontra xi kap tad-dipartiment.

36. L-atturi jsostnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li l-involviment tal-Avukat tal-Istat huwa evidenti u attiv stante li "*ġie misjub ħati b'sentenza li llum għaddiet in ġudikat li lleda dritt fundamentali tal-esponenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom.*"[2]

37. Fil-fehma tal-Qorti tali sottomissjoni ma għandha l-ebda fondament legali. Is-sentenza ċitata mill-atturi ingħatat f'kawża kostituzzjonali fejn huma kienu talbu lil dik il-Qorti tiddikjara illi Artikolu 4 tal-Kap. 373 "ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni effettwati biex jitolbu lill-Qorti ta' setgħa ordinarja tissindika jew tvarja ordni maħruga taħt dan l-Artikolu" u sabiex tiddikjara wkoll illi huma "sofrew leżjoni tad-dritt tas-smiegħ xieraq" protett bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea. Talbiet li ġew milqugħha mill-Qorti tal-ewwel grad u d-deċiżżjoni kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, fejn l-Avukat tal-Istat, solidalment maż-żewġ konvenuti l-oħra, ġie kkundannat iħallas danni morali. Huwa paċifiku illi f'kawża fejn attur jattakka liġi bħala anti-kostitutzzjonali, il-leġittimu kontradittur huwa primarjament l-Avukat tal-Istat; kif fil-fatt kien f'dik il-kawża. Dan ma jfissirx pero' li għaliex kien leġittimu kontradittur fil-kawża kostituzzjonali/konvenzjonali allura huwa leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna. Is-sottomissjoni tal-atturi fir-rigward hija *non sequitur* u qed tiġi respinta.

38. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jgħidu wkoll illi l-leġittimita' passiva tal-Avukat tal-Istat temani minn dak li jipprovdi Artikolu 91A tal-Kostituzzjoni li jipprovdi illi l-Avukat tal-Istat "għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalita' tal-azzjoni tal-Istat."

[2] Fol 94 tal-proċess.

39. Tali sottomissjoni ma hi rilevanti xejn għall-mertu tal-kawża odjerna. Fil-kawża odjerna l-atturi isejsu t-talba tagħhom unikament fuq il-pretensjoni illi bil-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni u bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru ġie "paraliżżat kompletament l-operat kollu tas-soċjetajiet esponenti" (premessa numru 3). Aktar 'il quddiem fi premessa numru 17: "Illi bl-azzjonijiet tagħhom, l-intimati jew min minnhom ikkaġunaw danni konsiderevoli lis-soċjetajiet esponenti billi wassluhom fix-xifer tal-falliment b'dan illi kien biss bl-intervent tal-Qrati li bil-ħatra ta' amministratur salvaw lis-soċjetajiet esponenti, iżda mhux qabel ma s-soċjetajiet esponenti laħqu sofrew danni li huma kbar ħafna."

40. Fid-dawl tal-fatt li ma kienx l-Avukat tal-Istat li talab il-ħruġ tal-miżuri provviżorji taħt l-**Att Kontra Money Laundering** li skont l-atturi ikkaġunawlhom id-danni minnhom reklamati; **l-Avukat tal-Istat ma hux il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna.**

41. <u>Mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-Avukat Ġenerali.</u> Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari l-Avukat Ġenerali tilqa' għat-talbiet attriċi billi tgħid illi ma hiex il-leġittimu kontradittur "peress li tali digrieti li permezz tagħhom jinħarġu l-ordnijiet ta' sekwestru u ta' investigazzjoni, jinħarġu mill-Qrati u l-Avukat Ġenerali m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati skont il-liġi". Għalhekk titlob li tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

42. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tissottometti dwar din l-eċċezzjoni illi "kull ma sar kien li ntalab il-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kap. 373. L-Avukat Ġenerali ma għandux is-setgħa li joħroġ ordni ta' sekwestru *di sua sponte*, iżda jista' biss jitlob lill-Qorti Kriminali toħroġ tali ordni."

43. Din l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali ma hiex fondata. Għall-finijiet tal-eċċezzjoni in dizamina, huwa, biżżejjed sabiex jirradika fl-Avukat Ġenerali l-leġittimita' passiva, l-allegazzjoni tal-atturi illi d-danni allegatament minnhom sofferti ġew kaġunti bil-ħruġ ta' ordnijiet preventivi maħruġa mill-Qorti fuq talba tal-Avukat Ġenerali. Imkien l-atturi ma allegaw illi l-ordnijiet provviżorji inħarġu mill-Avukat Ġenerali. Li qed jallegaw l-atturi huwa illi t-talba għall-ħruġ tal-ordnijiet provviżorji qatt ma kellha ssir fil-konfront tagħhom; u li bil-fatt li inħarġu fuq talba tal-Avukat Ġenerali huma sofrew danni li għalihom għandha tirrispondi l-Avukat Ġenerali.

44. Jekk għndhomx jew le raġun l-atturi f'din il-pretensjoni tagħhom għadu prematur li jingħad, ma hux il-mertu ta' din is-sentenza u ma hux lanqas rilevanti għall-eċċezzjoni in dizamina. Pero' huwa evidenti illi l-Avukat Ġenerali

kienet il-persuna li talbet il-ħruġ ta' dawk l-ordnijiet u allura għandha l-leġittimazzjoni passiva fil-konfront tat-talbiet attriċi.

45. **Fid-dawl tas-suespost din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-Avukat tal-Istat ma hux il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna; filwaqt li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti peress li qed issib illi l-Avukat Ġenerali għandu l-leġittimita' passiva fir-rigward tat-talbiet attriċi.**

**L-Eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi hija improponibbli għaliex tikkostitwixxi ġudikat għall-mertu tal-kawża odjerna: *Res Judicata***

46. Permezz tat-tielet eċċezzjoni l-konvenuti jsostnu illi l-azzjoni attriċi hija improponibbli għaliex milquta bil-ġudikat. Jgħidu illi preċedentement l-atturi kienu ntavolaw azzjoni kostituzzjonali fuq il-kwistjoni tal-ordni ta' sekwestru u ngħataw rimedju u għalhekk ma jistgħux fuq l-istess ordni ta' sekwestru jiftħu kawża ordinarja sabiex jingħataw rimedju ieħor. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti jissottomettu b'referenza għal din l-eċċezzjoni, illi jirriżultaw it-tlett elementi kostitutivi tar-*res judicata.* Apparti li l-partijet huma l-istess, jgħidu illi anke l-elementi ta' *eadem res* u *eadem causa petendi* huma sodisfatti. Isemmu illi fil-proċeduri kostituzzjonali l-ilment tal-atturi kien illi qed isofru danni peress illi Artikolu 4 tal-Kap. 373 kif viġenti dakinhar ma kienx jagħtihom rimedju ordinarju sabiex jattakkaw dik l-ordni. Isostnu illi minkejja li l-atturi kienu talbu lill-Qorti fil-kawża kostituzzjonali sabiex tieħu l-provvedimenti u tagħti r-rimedji kollha neċessarji, u li minkejja s-setgħat vasti tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, il-Qorti ma llikwidat l-ebda danni pekunjarji; u minn dik is-sentenza kienu biss il-konvenuti li appellaw imma l-atturi ma appellawx. Skont il-konvenuti, dan il-komportament tal-atturi fil-kawża l-oħra juri illi "kienu kuntenti bid-danni morali li ġew likwidati favurihom" u li ma appellawx meta raw li ma ġewx likwidati danni pekunjarji. Jgħidu illi l-atturi naqsu milli f'dik il-kawża jinsistu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni pekunjarji.

47. L-atturi jilqgħu billi jgħidu fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom illi l-azzjoni attriċi ma hiex milquta bil-ġudikat peress illi fil-kawża l-oħra l-atturi talbu u ingħataw danni morali in segwitu għal sejbien ta' leżjoni ta' drittijiet fundamentali. Jissottomettu illi "F'dan il-każ għandna distinzjoni bejn "danni morali" naxxenti minn leżjoni ta' jedd fundamentali u talba għal danni ordinarji li huma bbażati fuq azzjoni ordinarja għal danni."

Ikkunsidrat;

*Res Judicata*

48. Res judicata tfisser ħaġa/kwistjoni diġa deċiża. Huwa paċifiku illi l-eċċezzjoni tar-*res judicata* għandha bħala s-sisien tagħha l-interess pubbliku; maħsuba sabiex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza finali. Intiża sabiex tbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet konfliġġenti. Għandha l-għan illi tevita l-possibilita' li l-kwistjonijiet jibqgħu miftuħa indefinittivament bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat. Minħabba li min-natura tagħha l-eċċezzjoni tal-ġudikat twaqqaf azzjoni milli tinstema, inżamm illi għandha tingħata interpretazzjoni dejqa. F'każ ta' dubju l-eċċezzjoni ma għandiex tiġi akkolta. **(Joseph Camilleri v. Lilian Mallia -** Appell Superjuri **-** 5 ta' Ottubru, 1998).

49. L-awtorita' tar-*res judicata* bil-limitazzjonijiet li taħthom hija ammessa issib il-fonti tagħha fid-Dritt Ruman. Jekk sentenza għandiex is-saħħa li twaqqaf kawża sussegwenti milli tinstema jiddependi: *an idem corpus sit; quantitas eadem, idem jus; et an eadem causa petendi et eadem conditio personarum; quae nisi omnia concurrent alia res est.* Rifless dan f'massima oħra mid-Dritt Ruman: *exceptionem rei judicatae, obstare quotiens eadem qaestio inter easdem personas revocatur* li tfisser illi hemm lok għall-eċċezzjoni tar-*res judicata* meta l-istess domanda terġa tqum bejn l-istess persuni.

50. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi illi tali eċċezzjoni għandha tiġi deċiża b'kap għaliha, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu (**Art. 730, Kap.12**).

51. Fis-sentenza *in parte* fl-ismijiet A**nthony Borg et vs. Anthony Francis Willoughby et** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu 2003 ġie ritenut li

> ""Il-fundament ta` l-`actio` u ta` l-`exceptio judicati` hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija `strictissimae interpretationis`.Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta` kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta` l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f`kawza deciza b`sentenza li gja ghaddiet f`gudikat. Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat. L-eccezzjoni tal-gudikat

ghandha tigi ammessa b`cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet `effettivament` deciza bis-sentenza ta` qabel … Fid-dubju l-Imhallef m`ghandux jippropendi favur l-eccezzjoni tal-gudikat.”.”

52. Tlieta huma l-elementi essenzjali bejn iż-żewġ kawżi sabiex l-eċċezzjoni tar-*res iudiata* tiġi kkunsidrata mistħoqqa:

   a) **Għandhom l-istess oġġett, u cioe' jitolbu l-istess ħaġa (*eadem res*);**
   b) **Għandhom l-istess kawżali u cioe' l-istess raġuni għad-domanda (*eadem causa petendi*); u**
   c) **Huma bejn l-istess partijiet (*eadem personae*).**

53. Nieqes wieħed minn dawn it-tlett elementi, l-eċċezzjoni tar-*res judicata* ma tistax tirnexxi.

- **L-istess oġġett tal-kawża (*eadem res*)**

54. Għal dak illi jirrigwarda l-element ta' l-*eadem res* ingħad illi din *"tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat."*[3]. Ingħad ukoll li din l-identità ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identità fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jkun jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni.[4] Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista' permezz ta' kawża oħra jiftaħ it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diġà ġew diskussi f`kawża deċiża b'sentenza li diġà tkun għaddiet in ġudikat.[5]

---

[3] **Rabat Construction Limited vs. Cutajar Construction Company Limited** (Ċit Nru 1209/2000RCP) deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-9 ta' Jannar 2002.

[4] Ara **Antonio Avela vs. Giuseppe Fenech** deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 ta` Frar 1946; u **Eugenio Borg vs. Saverio Farrugia** deċiż mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta` Marzu 1952.

[5] Ara **P.L. Roberto Tabone noe vs. Joseph Cannataci** deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-6 ta` Marzu 1946.

55. Fis-sentenza **Caterina Gerada vs. Av. Dr. Antonio Caruana** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Mejju, 1958 inżamm illi *"sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat"*.[6]

- **L-istess kawżali (*eadem causa petendi*)**

56. Għar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Mod ieħor, il-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tavvera ruħha, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuti fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat.

57. Dwar jekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tas-sentenza jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu għal dik is-sentenza, inżamm illi l-kwistjoni li dwarha titressaq l-eċċezzjoni tal-ġudikat jeħtieġ li, fil-fatt, tkun ġiet effettivament deċiża fl-ewwel sentenza u mhux biss setgħet ġiet deċiża. (**Caterina Gerada vs. Av. Dr. Antonio Caruana -** Qorti tal-Appell - 7 ta` Marzu 1958). Għaldaqstant id-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivazzjoni fl-istess sentenza. Il-kunsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet fis-sentenza għandhom iservu sabiex jiddefinixxu u jispjegaw jekk meħtieġ il-parti dispozittiva tas-sentenza li l-konvenut jikkontendi li tikkostitwixxi ġudikat. (**Lino Testaferrata Bonnici v. Josephine Testaferrata Bonnici** - Qorti tal-Appell - 12 ta' Mejju 1958).

- **L-istess partijiet (*eadem personae*)**

58. L-aħħar element li jeħtieġ li jiġi mistħarreġ huwa l-element tal-*eadem personae* li evidentement jirrikjedi l-preżenza tal-istess persuni in ġudizzju. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol et vs. Jane mart Jimmy Agius et** deċiża fit-2 ta' Lulju 1996 irriteniet:

[6] Ara wkoll **Anthony Borg et vs. Anthony Willoughby et** (Ċit Nru 1792/1999) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Marzu, 2003.

“Dan ma kienx ifisser li l-istess promoturi ta' l-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna’ u dan wara li r-rikorrenti kienu pproponew kawza antecedentement fuq l-istess premessi minghajr success, fejn ma kienx hemm, bhala parti, r-ragel ta' wahda mir-rikorrenti li pero' kien parti fit-tieni rikors. Il-Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Diċembru 2006 fil-kawża **Alfred u Alice konjuġi Brown vs. Androxa Furnitrue Limited** (Ċit Nru 1866/2004) kwotat ‘sentenza riportata a **Vol. XLIX P II p 1051**, “kieku kellu jigi segwit ragonament divers, fil-fehma tal-Qorti, kien ikun wisq facli illi wiehed jevita l-effetti tal-gudikat bis-semplici espedjent illi huwa jirriproponi kawza gja deciza billi jzid konvenut iehor”.’

59. Fid-deċiżjoni **Innocenza Debattista et vs. Giovanni Farrugia**[7] din il-Qorti diversament preseduta qalet li “*biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg […] li s-sentenza ta’ qabel kienet giet maqtugha f’kawza bejn l-istess persuni*”. Dan huwa element bażilari, u dan għaliex sentenza tagħmel stat biss bejn il-partijiet f’dik il-kawża deċiża b’dik is-sentenza.

60. Applikata l-ġurisprudenza in materia għall-każ odjern il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet segwenti.

61. Il-konvenuit Avukat Ġenerali issottometta illi:

“L-argument tas-soċjetajiet attriċi dejjem kien li b’riżultat tal-operazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap. 373 huma kienu ġarrbu danni. L-ewwel libsu dan l-argument b’vesti kostituzzjonali u mill-aspett ta’ ksur tal-jeddijiet fundamentali ingħataw rimedju. Min-naħa l-oħra, minkejja li kienu talbu sabiex il-Qorti tieħu dawk ir-rimedji/provvedimenti li hija tħoss neċessarji, u minkejja s-setgħat tant vasti tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali), il-Qorti ma llikwidat ebda danni pekunjarji. Kienu biss l-esponenti li appellaw is-sentenza, fejn il-Qorti Kostituzzjonali ntalbet tħassar is-sentenza appellata, iżda dan l-appell ġie miċħud. Dan għalhekk jidher il-fatt li l-kumpaniji attriċi kienu kuntenti bid-danni morali li ġew likwidati favurihom u ma ħassewx il-ħtieġa li jappellaw il-fatt li ma ġewx likwidati danni pekunjarji.

Illum il-ġurnata, u anke meta ngħataw is-sentenzi surreferita, huwa indisputat li qrati b’kompetenza kostituzzjonali għandhom is-setgħa li jillikwidaw u jordnaw il-ħlas ta’ danni riżultat ta’ leżjonijiet ta’ drittijiet fundamentali. Fil-kawża kostituzzjonali surreferita iżda, minkejja din il-

[7] Deċiża fit-13 ta’ Frar 1958.

possibilità u minkejja li l-kumpaniji attriċi kellhom kull jedd li jinsistu għalihom, ma nsistewx fuq il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni pekunjarji."[8]

62. Min-naħa l-oħra s-soċjetajiet atturi rribattew billi argumentaw li "f'dan il-każ għandna distinzjoni bejn "danni morali" naxxenti minn leżjoni ta' jedd fundamentali u talba għal danni ordinarji li huma bbażati fuq azzjoni ordinarja għal danni."[9]

63. L-eċċezzjoni tar-*res judicata* imressqa mill-konvenuti tirreferi għall-kawża kostituzzjonali imressqa mis-soċjetajiet atturi flimkien m'oħrajn fl-ismijiet **Keith Schembri et vs. Avukat tal-Istat et** (Rik Kost 218/2020) deċiża definittivament mill-Qorti Kostituzzjonali kif fuq spjegat. Minn qari ta' dik is-sentenza huwa evidenti li l-element li għandu jkun hemm l-istess persuni sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa sodisfatt. Kemm l-atturi kif ukoll il-konvenuti kienu partijiet fil-kawża kostituzzjonali. L-element ta' 'eadem personae' huwa sodisfatt.

64. Imiss li jitqiesu ż-żewġ elementi l-oħra għax kif ingħad l-elementi kollha jridu jkunu sodisfatti sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat.

65. Il-proċeduri li magħhom qegħeda tikkompara l-azzjoni odjerna l-Avukat Ġenerali kienu ta' natura kostituzzjonali fejn l-oġġett tat-talba ma kienx ta' danni iżda li jinstab illi l-liġi applikata fil-konfront tal-atturi kienet tikser id-drittijiet fundamentali tagħhom. Huwa minnu li kemm fil-proċeduri kostituzzjonali kif ukoll fil-proċeduri odjerni l-ilment huwa kontra l-ħruġ tal-ordni ta' sekwestru minħabba allegat reat ta' ħasil ta' flus fejn l-ewwel impressjoni li tista' tingħata hi illi iż-żewġ kawżi għandhom l-istess raġuni għat-talbiet imressqa. Pero' analiżi tal-atti juri illi dan mhux il-każ.

66. Il-*causa petendi* tal-kawża kostituzzjonali hi illi <u>il-liġi</u> kisret il-jeddijiet fundamentali tal-atturi peress illi rinfaċjati b'ordni ta' sekwestru maħruġa mill-Qorti Kriminali bis-saħħa ta' dik il-liġi, la dik il-liġi u lanqas l-ebda liġi oħra ma kienet tipprovi rimedju li permezz tiegħu tali ordni setgħat tiġi kkontestata.

67. Il-*causa petendi* fil-kawża odjerna hija ferm differenti. Dan għaliex qed tintalab dikjarazzjoni illi bl-<u>aġir tagħhom</u> il-konvenuti naqsu meta talbu l-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru kontra l-atturi, indipendentement mill-fatt li l-ordni nħarġet minn qorti, u li allura skont l-atturi, l-konvenuti huma responsabbli għad-danni konsegwenzjali allegatament sofferti.

---

[8] Fol 83 – 84 tal-proċess.

[9] Fol 96 tal-proċess.

68. Difatti t-talbiet fil-kawża kostituzzjonali intovalata mis-soċjetajiet rikorrenti fit-2 t'Ottubru 2020 kienu jaqraw hekk:

> "1. Tiddikjara illi l-Artikolu 4 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni effettwati biex jitolbu lil Qorti ta' setgħa ordinarja tissindika jew tvarja ordni maħruġa taħt dan l-Artikolu;
>
> 2. Tiddikjara illi konsegwentement r-rikorrenti sofrew leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 3. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew ukoll leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 4. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew ukoll leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni insindikabbli ta' sekwestru u investigazzjoni qed jinfliġġi fuqhom piena konsegwenzjali mill-eħrex mingħajr ma huma ħatja li kkomettew reat;
>
> 5. Tannulla, tirrevoka jew tvarja l-ordni ta' sekwestru u investigazzjoni mertu ta' dina l-kawża;
>
> 6. Tieħu dawk il-provvedimenti li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."

69. Apparti li fil-kawża kostituzzjonali intalbet dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' numru ta' jeddijiet fundamentali tal-atturi protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, l-atturi talbu wkoll sabiex dik il-Qorti tagħti dawk il-provvedimenti li hija tħoss li huma neċessarji sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali tagħhom.

70. Għal dawn it-talbiet, il-Qorti Ċivili Prim'Awla (sede Kostituzzjonali), b'sentenza tat-23 t'April 2021, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati, ċaħdet it-tieni, ir-raba' u l-ħames talba u laqgħet it-tieni u t-tielet talba u llikwidat "d-danni morali sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' tliet mitt Euro (€300) għal kull wieħed jew

waħda minnhom u tordna li dawn id-danni morali għandhom jitħallsu mill-intimati solidalment bejniethom lil kull wieħed jew waħda mir-rikorrenti."

71. L-osservazzjoni li għamlet il-Qorti sede Kostituzzjonali għall-ħtieġa li jiġu likwidati d-danni morali hija s-segwenti:

> "Madankollu l-Qorti tifhem li bla dubju ta' xejn bħal kull att kawtelatorju ieħor, l-ordni ta' sekwestru ġabet numru ta' konsegwenzi negattivi għar-rikorrenti u kienu x'kienu dawk il-konsegwenzi, huma ma kellhom l-ebda għodda sabiex jikkontestawha. Għal din ir-raġuni l-Qorti tqis li t-talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni morali magħmula mir-rikorrenti, hija ġustifikata u għalhekk qed tiffissa s-somma ta' tliet mitt Euro (€300) pagabbli mill-intimati in solidum lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti bħala kumpens għad-danni morali sofferti minnhom."

72. Minn din is-silta jirriżulta li d-danni morali ingħataw bħala rimedju għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-atturi peress li instab illi ma kellhom ebda rimedju sabiex jikkontestaw l-ordni ta' sekwestru. Mit-talbiet jidher li l-għan tar-rikorrenti fil-kawża kostituzzjonali kien wieħed sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tagħhom u mhux sabiex isir stħarriġ dwar u jiġu likwidati d-danni ċivili. Il-fatt waħdu li x-xhieda imressqa mill-atturi fil-kawża kostituzzjonali għamlu enfasi fuq id-danni li huma sofrew minħabba l-ordni ta' sekwestru, b'daqshekk ma nbidlitx in-natura tal-azzjoni.

73. It-talbiet imressqa f'din il-kawża huma ferm differenti minn dawk imressqa fil-kawża kostituzzjonali. Ir-rimedju ġenerali mitlub fil-kawża kostituzzjonali kien fis-sens li "jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti" filwaqt li l-kawża odjerna titratta dwar danni allegatament ikkaġunati mill-konvenuti bl-azzjonijiet tagħhom.

74. **Għaldaqstant issib illi sew l-element ta' *eadem res* kif ukoll l-element ta' *eadem causa petendi* ma humiex sodisfatti. Konsegwentment l-eċċezzjoni tar-res judicata qed tiġi respinta.**

**L-Eċċezzjoni illi l-Azzjoni Attriċi hi Improponibbli.**

75. Il-konvenuti jeċċipixxu illi l-azzjoni attriċi għandha tiġi mwaqqfa qabel tinstema għaliex m'għandux ikun illi wara li inħarġet ordni leġittima minn qorti kompetenti, min jintlaqat minn dik l-ordni ifittex għad-danni lil min talab li tinħareġ dik l-ordni leġittima.

76. Taħt din l-eċċezzjoni huwa relevanti dak li ġie premess fir-rikors promotur li jiddefinixxi l-konfini tal-azzjoni *de quo*:

> "17. Illi bl-azzjonijiet tagħhom, l-intimati jew min minnhom ikkaġunaw danni konsiderevoli lis-soċjetajiet esponenti billi wassluhom fix-xifer tal-falliment b'dan illi kien biss bl-intervent tal-Qrati li bil-ħatra ta' amministratur salvaw lis-soċjetajiet esponenti, iżda mhux qabel ma s-soċjetajiet esponenti kienu laħqu sofrew danni li huma kbar ħafna;
>
> 18. Illi fil-fehma tas-soċjetajiet esponenti l-intimati jew min minnhom huma tenuti jwieġbu għad-danni pekunjarji li huma kkaġunaw lis-soċjetajiet esponenti;"

77. Huwa minnu li l-ordnijiet ta' qorti ma jistgħux jiġu kkontesati jekk mhux fil-parametri ta' proċeduri ġudizzjarji stabbiliti minn liġi. Iżda fil-każ odjern jidher illi l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq il-pretensjoni li n-negozju tal-atturi sofra danni li għalihom huma responsabbli l-konvenuti meta dak in-negozju ġie milqut minn ordni ta' sekwestru mingħajr ma kontestwalment ġie mitlub mill-Avukat Ġenerali n-nomina ta' amministratur sakemm l-ordni ta' sekwestru tkun fis-seħħ. L-atturi fil-fatt jispjegaw fin-nota ta' sottomissjonijiet li "*din il-Qorti mhux ser tkun qed tistħarreġ jekk l-ordni kienetx waħda leġittima jew le, iżda ser tkun qed tistħarreġ jekk l-Istat huwiex imputabbli għad-danni ċivili li sofrew l-esponenti b'konsegwenza ta' ordni li llum il-ġurnata hija dikjarata leżiva tad-dritt fundamentali tagħhom li jgawdu l-proprjetà tagħhom*."[10]

78. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti, b'referenza għal din ir-raba' eċċezzjoni, jgħidu illi qabel tinħareġ ordni ta' sekwestru hemm proċess sħiħ stipulat bil-liġi x'jiġi segwit. Jispjegaw illi l-individwu in kwistjoni jrid ikun suspettat li hu ħati ta' ħasil ta' flus u jkun ta' "siewi sostanzjali" li jittieħdu miżuri kawtelatorji fil-konfront tiegħu. Jispjegaw illi huwa biss wara li l-Avukat Ġenerali jkun ikkonkluda li dawn ir-rekwiżiti huma sodisfatti jista' jitlob lill-Qorti Kriminali sabiex tinħareġ ordni ta' sekwestru. Jgħidu illi kull ma jista' jagħmel l-Avukat Ġenerali huwa li juri għaliex jaħseb li għandu jinħareġ ordni ta' sekwestru; filwaqt li d-deċiżżjoni finali hi unikament fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali.

79. Huwa evidenti illi sabiex tiġi deċiża din ir-raba' eċċezzjoni jeħtieġ li l-Qorti tinvesti l-mertu tal-kawża, mertu li għandu jiġi trattat u deċiż fi stadju ulterjuri.

---

[10] Fol 97 tal-proċess.

80. Għadaqstant qed tħalli r-raba’ eċċezzjoni impreġudikata sabiex tiġi trattata u deċiża flimkien mal-mertu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tgħaddi sabiex taqta’ u tiddeċiedi kif ġej:

1. **Tilqa’** l-ewwel eċċezzjoni peress li qed issib illi l-Avukat tal-Istat mhux leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna u għaldaqstant tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni, peress li qed issib illi l-Avukat Ġenerali għandu l-leġittimazzjoni passiva fil-kawża odjerna;

3. **Tiċħad** it-tielet eċċezzjoni, peress li qed issib illi l-eċċezzjoni tar-*res judicata* ma hiex siewja.

4. **Tħalli** r-raba’ eċċezzjoni impreġudikata sabiex tiġi trattata u deċiża flimkien mal-mertu.

5. **Tordna** l-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża.

**Spejjeż** riżervati għas-sentenza finali.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
3 ta’ Mejju, 2024

**Deputat Reġistratur**